# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tat-tnejn u sebghin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Hamis 18 ta'Frar 2010 fis-6:00 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Vici Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Pio Fenech |
| | Michael Mifsud |
| | Alfred Muscat |
| **Agent Segretarju Ezekuttiv** | Fabian Mizzi |

**1 Talba**

**1.1** Il-laqgha bdiet fis-6.20 p.m. billi intqalet it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqghat Nru 70 u 71**

**2.1** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti tal-laqghat imsemmija. Peress li ma kienx hemm emendi dawn gew approvati unanimament u iffirmati.

**3 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha tal-Lokalita' 2010**

**3.1** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti tal-laqgha tal-Lokalita' 2010. Peress li ma kienx hemm emendi dawn gew approvati unanimament u iffirmati.

**4 Punti mtella' mill-minuti**

**4.1** ***Para 3.1 – Torri tas-Semaforu:*** L-Agent S.E. informa li minhabba azzjoni ndustrijali gewwa l-MEPA, l-*Compliance Certificate* ghadu ma harigx.

**4.2** ***Para 3.3 – Kuntratt Gbir ta' l-Iskart:*** Is-Sindku nforma li konna ghadna qed nistennew xi zviluppi mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali wara l-informazzjoni li d-Dipt. kien talab. Gie unanimament deciz li jekk sa hmistax ohra ma jkunx hemm zviluppi, l-Kunsill ghandu ikellem lid-Dipt, jiggudika l-offerti li rcieva u jiddeciedi.

**4.3** ***Para 3.4 – Devoluzzjoni Xelter:*** Is-S.E. informa li wara l-laqgha li l-Kunsill kellu mad-Dipt. ta l-Artijiet, d-dokumenti u pjanti kollha mitluba mid-Dipt. ghall-Artijiet kienu nbghatu u ta' dan kellna konferma mill-istess Dipartiment.

***Il-Kunsillier M. Mifsud inghaqad mal-Kunsill fis-6:30 p.m.***

**4.4** ***Para 3.6 – Triq il-Mithna :*** Wara li nqraw l-ittri li l-Kunsill kien ircieva minghand sid il-propjeta u l-perit ta' l-istess zviluppatur, gie unanimament deciz li l-Kunsill jirrispondi ghall-dawn iz-zewg ittri.

**4.5** ***Para 3.11 – Bankina Triq 31 ta' Marzu :*** L-Agent S.E. informa li l-istima minghand id-Dipt. tad-Distretti kienet waslet u x-xoghol kien gie ordnat.

**4.6** ***Para 3.12 – Triq Fra Duminku Mifsud*****:** L-Agent S.E. informa li konna ghadna qed nistennew ufficcjali mit-TM sabiex jaghmlu spezzjoni fuq il-post.

**4.7** ***Para 3.13 – Master Antenna*****: –** L-Agent S.E. informa li r-rapport minghand l-MCA kien wasal dalghodu u jikkonferma li ma nstab xejn li jista jkun ta' periklu ghas-sahha tar-residenti u li l-livelli ta' radjazzjoni kienu taht il-livelli approvati mill-awtoritajiet lokali u internazzjonali. Gie unanimament deciz li residenti li jitolbu aktar informazzjoni ghandhom jinghataw kopja tar-rapport kif ukoll jekk inhu possibbli issir link fuq il-website tal-Kunsill mal-website tal-MCA.

**4.8** ***Para 3.14 – CCTV Monitor:* –** L-Agent S.E. informa li t-TV li kien offra l-Kunsillier A. Muscat kien issewwa u issa dan it-TV kien ser jittiehed fl-ufficcju l-antik tal-Kunsill.

**4.9** ***Para 3.16 – Bollards fi Triq Ghaxqet l-Ghajn:*** Il-Kunsillier A. Muscat informa li l-*bollards* kienu wehlu kif approvat.

**4.10** ***Para 5.4 – Lezzjonijiet tat-tpingija*** **:** Il-Kunsillier P. Fenech informa li huwa kien kellem lill-persuna li kienet issuggeriet dawn il-lezzjonijiet u li fil-futur kien ser ikollu aktar tahdidiet mieghu sabiex tigi esplorata l-possibilta' li jsiru korsijiet ta' dan it-tip fis-sajf 2010.

**4.11** ***Para 6.8 – Skema ta' Finanzjament ta' Proġetti Speċjali f'Lokalitajiet Żgħar:*** L-Agent S.E. informa li l-applikazzjoni taghna kienet ser tintbghat il-gimgha d-diehla. Il-Kunsill kien ser japplika sabiex jinbena mill-gdid il-Gnien tal-Ponta.

**4.12** ***Para 6.11 – Tabella Merhba :*** L-Agent S.E. informa li din kellha tehel fil-granet li gejjin.

**4.13** ***Para 7.3 – Laqgha Kumitat tal-Banda :*** Is-Sindku nforma li wara l-laqgha li kellna ma' dan il-Kumitat sal-lum, konna ghadna ma smajna xejn minghandhom.

**4.14** ***Para 7.4 – Laqgha Kunsill Skolastiku :*** Is-Sindku nforma li wara l-laqgha li kellu mal-membri tal-Kunsill Skolastiku sal-lum konna ghadna ma smajna xejn minghandhom.

**4.15** ***Laqgha tal-Lokalita' :*** Is-Sindku spjega li minn din il-laqgha l-unika talba li kellna kienet dik li jsiru *parking bays* fil-parti ta' fuq ta' Triq San Gwann. Gie unanimament deciz li din it-talba tintlaqgha u li x-xoghol isir mill-Koptasin.

## 5 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti

**5.1** L-Agent S.E. ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet giet ippublikata l-Agenda. Dawn kollha gew approvati unanimament minbarra l-Kont Nru 15 minghand l-ITS li gie deciz li ma jithallasx filwaqt li mill-Kont Nru 21 minghand il-WasteServ Malta ghandhom jithallsu biss €1,001 li jirraprezanta l-ammont li l-Kunsill ircieva minghand il-Gvern Centrali sabiex ikopri l-ispejjez tat-*Tipping Fees*.

**6 Approvazzjoni Budget 2010**

**6.1** Is-Sindkuipprezenti d-dokument tal-Budget ghas-sena 2010 li kien intbghat aktar kmieni permezz tal-posta elettronika. Wara li spjega xi dettalji minn dan id-dokument, peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, dan id-dokument gie approvat unanimament.

**7 Ilmenti u Suggerimenti**

**7.1** Talba sabiex ikun hemm parkegg riservat biswit ic-cimiterju fi Triq San Gwann sabiex jintuza minn dawk li jzuru c-cimiterju. Wara li saret diskussjoni gie deciz li din it-talba ma tintlaqax peress li jekk isir dan il-parkegg ser jitnaqqas l-ispazju tal-parkegg ghar-residenti meta c-cimiterju ikun miftuh, hu difficcli li tigi nfurzata l-mizura u bhala Kunsill qatt ma rcevejna talbiet simili ghaliex huma ftit dawk il-persuni li jigu izuru c-cimiterju bil-karozza u prattikament dejjem isibu jipparkjaw fil-vicinanzi. Il-Kunsillier M. Mifsud ivvota favur it-talba filwaqt li s-Sindku, l-Vici Sindku u l-Kunsillieri P. Fenech u A. Muscat ivvutaw kontra.

**7.2** Talba sabiex *parking bay* fi Triq Dun Salvatore Zarb titkabbar iktar mill-qies normali peress li min irid juzaha huwa persuna li ghandu dizabilta’ fizika. Is-Sindku nforma li dwar din it-talba giet riferuta lill-TM.

**8 Korrispondenza**

**8.1** Korrispondenza varja li rcivejna mill-ahhar laqgha sa llum minghand il-MEPA dwar zviluppi fil-lokalita’.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**8.2** Memo 30/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Avviz Legali Dwar Il-Bord Ta’ Governanza.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**8.3** Memo 31/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Ir-Riforma fit-Trasport Pubbliku u l-Għoti ta’ Kuntratti/Assenjazzjonijiet mill-Kunsilli Lokali għal Trasport Pubbliku bi Skeda

Din il-korrispondenza giet innotata.

**8.4** Memo 32/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Skema ta’ Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li tul is-sena jilqgħu fihom Attivitajiet fuq Skala Nazzjonali u li jkunu organizzati esklussivament mill-Gvern Ċentrali.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li napplikaw sabiex niksbu fondi in konnessjoni mal-Festival tal-Halib li ser isir f’Marzu 2010.

**8.5** Memo 33/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Fond Ewropew Għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) 2007-2013.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**8.6** Memo 34/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Avviz Legali Dwar Ir-Regolamenti tal-2010 Li Jemendaw Ir-Regolamenti Dwar Kumitati Amministrattivi Ghall-Kommunitajiet.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**8.7** Korrispondenza mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Kodici t'etika ghall-Kunsillieri.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**8.8** Korrispondenza mill-Fondazzjoni OASI dwar il-Premju Zghazugh tas-Sena.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**8.9** Korrispondenza minghand ic-Charter Support Unit fi hdan l-Ufficcju tal-Prim Ministru dwar l-inkluzjoni tar-rahal fic-CAF.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li l-Kunsill jippartecipa f'din l-inizjatttiva.

**8.10** Korrispondenza minghand it-TCTC dwar *Business Breakfast* li ser isir in-konnessjoni ma' l-*eCouncils*.

Din il-korrispondenza giet innotata u l-Kunsillier A. Muscat ikkonferma li huwa kien ser jattendi.

**8.11** Korrispondenza mid-Dipt. ghall-Libreriji Pubblici tinfurmana li ghas-sena 2010, il-hlas ghall-librara kien ser ikun ta' €5.83 is-siegha.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**8.12** Korrispondenza minghand l-AKLM tinfurmana li l-iffirmar tal-Patt tas-Sindki kien ser isir fl-4 ta' Mejju gewwa Brussels.

Din il-korrispondenza giet innotata. Is-Sindku ikkonferma li hu ser jattendi.

**8.13** Korrispondenza minghand l-ELC tinfurmana b'xi tibdil fil-persuni responsabbli mill-lokalita' taghna.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie deciz li fil-granet li gejjin ghandha ssir laqgha bejn l-ufficcjali l-godda u l-Kunsillieri A. Muscat u M. Mifsud.

## 9 Materji Ohra u Mistoqsijiet

**9.1** Is-Sindku fakkar lill-Kunsillieri li nhar it-Tlieta kienet ser issir laqgha ma' l-iSpettur tal-Pulizija l-gdid u fost it-temi li ser jigu diskussi hemm il-festi tal-Gimgha l-Kbira u l-Festival tal-Halib.

**9.2** Is-Sindku nforma li ghandu nformazzjoni li l-Q.T. il-Papa kien ser jghaddi mit-Triq il-Balal, limiti tax-Xwieki waqt iz-zjara tieghu f'Malta. Gie unanimament approvat li b'kollaborazzjoni mal-Parrocca jsiru l-arrangamenti mehtiega halli residenti ikunu fuq il-post waqt li jkun ghaddej l-Q.T. il-Papa. Gie approvat ukoll l-Kunsill jorganizza trasport mill-Pjazza ghat-Triq tal-Balal specjalment ghal dawk l-anzjani li jkunu jixtiequ imorru jaraw il-Papa filwaqt li fi Triq ix-Xwieki jitpoggew ftit siggijiet.

**9.3** Il-Kunsillier A. Muscat informa li l-ahhar harga tas-Sotto Kumitat Qasam Socjali kienet saret gewwa l-Qawra u kienet success b'attendenza ta' madwar 40 ruh. Huwa qal ukoll li kien ser jorganizza *Weekend Break* ta' l-Ghid u ta dettalji dwar il-programm.

**9.4** Il-Kunsillier P. Fenech informa li l-harga kulturali li jmiss kienet dik fl-okkazjoni ta' San Girgor u kienet ser issir bejn is-Sotto Kumitat ta' l-Edukazzjoni u dak tal-Qasam Socjali.

**9.5** Gie deciz li ssir laqgha ma' ufficjali minn Bitmac (Works) Ltd. dwar il-kont pendenti ta' Triq Santa Katerina kif ukoll laqghat ma' Green MT u Green Pak dwar il-gbir ta' skart mhux organiku.

**9.6** Giet diskussa l-lista tax-xoghol tal-haddiema *attached* mal-Kunsill ghax-xahar ta'Jannar 2010 u gie nnotat li ma tantx kien qed isir progress fix-xoghol assenjat lilhom. Fic-cikostanzi l-Agent S.E. gie mitlub sabiex jinsisti ma' dawn il-haddiema sabiex jaghmlu dak mitlub minnhom b'aktar efficjenza.

**9.7** Il-Vici Sindku nforma li waqt zjara li huwa kellu go Sqallija aktar kmieni din il-gimgha, kellu c-cans li jzur ir-rahal ta' Giarratana u ghamel anke kuntatt mas-Sindku u membri ta' dan il-Kunsill li urew l-interess taghhom fil-possibilta' li jsir gemellagg bejn iz-zewgt irhula. Huwa qal ukoll li kien stieden lis-Sindku ta' Giarratana sabiex izur ir-rahal u dan kien accetta din l-istedina. Fid-dawl ta' dawn l-izviluppi, filwaqt li gie unanimament deciz li l-Kunsill ghandu jkompli jara l-possibilta' li jsir gemellagg, gie approvat li l-Vici Sindku u l-Agent S.E. jaraw ezatt x'hemm bzonn li jsir fid-dawl tar-regolamenti l-godda dwar il-gemellaggi.

**9.8** Gew ipprezentati l-kwotazzjonijiet li konna rcivejna wara sejha pubblika ghall-istampar tal-fuljett tal-Kunsill li rrizultaw hekk :

| *Name* | *16-il pagna* | *12-il pagna* | *8 pagni* | *2 pagni* |
|---|---|---|---|---|
| *Print Right Ltd.* | *€ 385+VAT* | *€ 420+VAT* | *€ 280+VAT* | *€ 140+VAT* |
| *Best Print Co. Ltd.* | *€ 782* | *€ 680* | *€ 504* | *€ 264* |
| *Blue Skink Ltd.* | *€ 1443.25* | *€ 1376* | *€ 936* | *€ 358* |
| *Veritas Press* | *€ 525* | *€ 593.25* | *€ 341.25* | *€ 220.50* |

Wara li tqabblu il-kwotazzjonijiet specjalment il-prezzijiet mitluba, gie unanimament deciz li tintghazel l-kwotazzjoni ta' Print Right Ltd. peress li din kienet l-aktar wahda vantaggjuza. L-Agent S.E. intalab sabiex jinforma lill-applikanti kollha bid-decizjoni tal-Kunsill.

**9.9** Gew ipprezentati l-kwotazzjonijiet li konna rcivejna wara sejha pubblika ghall-preparament tad-dokument SEAP in konnessjoni mal-partecipazzjoni taghna fil-Patt tas-Sindki li rrizultaw hekk

| | |
|---|---|
| *Ing. Antoine Busuttil* | *€ 2,000 + extra ghad-Data Collection* |
| *Econing Eng. Consultancy Ltd.* | *€ 3,700* |
| *MIEMA* | *€ 2,800 (Bid Bond mhux inkluza)* |
| *EMDP Ltd.* | *€ 2,900* |

Peress li d-dokumenti annessi kienu teknici u kien hemm fatturi li ma kienux komuni fl-offerti kollha (partikolarment dwar il-gbir/provvista' ta' data) gie deciz li l-Agent S.E. u l-Kunsillier M. Mifsud ghandhom jevalwaw id-dokumentazzjoni mibghuta u jressqu r-rakkomandazzjonijiet taghhom ghall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill fil-laqgha li jmiss.

**9.10** Giet ipprezentata l-unika kwotazzjoni li konna rcivejna wara sejha pubblika ghas-servizz ta' Wi-Fi fi Gnien il-Paci. Din kienet minghand GO p.l.c. u peress li fiha hafna dettalji teknici, l-Agent S.E. intalab sabiex jiddiskuti d-dettalji ma' ufficjali mill-istess kumpanija u jirraporta lill-Kunsill fil-laqgha li jmiss.

**9.11** Il-Kunsill iddiskuta l-attivita' tal-Festival tal-Halib li l-MRRA ser jorganizza fir-rahal nhar il-Hadd, 21 ta Marzu 2010. Il-Kunsill unanimament qabel li jikkopera ma l-MRRA sabiex din l-attivita' tkun success kif ukoll li dak in-nhar it-Torri tas-Semaforu jinfetah ghall-pubbliku u fil-Pjazza issir promozzjoni ghall-pubblikazzjonijiet tal-Kunsill u jintramaw il-bandalori fuq arbli li jinkrew minghand il-Parrocca. Fil-jiem li gejjin ghandhom isiru aktar diskussjonijiet dwar l-organizzazjoni ta din l-attivita'.

**9.12** Il-Kunsill iddiskuta l-punti li hargu mill-laqgha mal-Kapillan li kienet saret aktar kmieni illum. Il-Kunsill unanimament qabel li ghal darba ohra jorganizza flimkien mal-Parrocca l-quddiesa ta Jum Hal Gharghur fis-16 ta Lulju 2010 kif ukoll li fl-okkazzjoni ta l-400 mitt sena minn meta r-rahal sar parrocca separata jippubblika *leaflet* b'informazzjoni dwar ir-rahal sabiex jitqassam lir-residenti u persuni ohra li jzuru r-rahal matul din is-sena. Gie unanimament deciz ukoll li l-Kunsill jipprova jikseb fondi minghand il-Gvern Centrali sabiex isir restawr ta' pittura importanti li hi propjeta' tal-Parrocca. L-Agent S.E. ser jiehu hsieb jikteb minuti dettaljati tal-laqgha mal-Kapillan u jibghat kopja taghhom lill-Kapillan wara li dawn jigu approvati mill-Kunsill fil-laqgha li jmiss.

**10 Aggornament**

**10.1** Il-laqgha giet aggornata fid-8:40 p.m. wara li l-*items* fuq l-Agenda gew ezawriti u gie deciz li laqgha ohra ssir nhar it-Tlieta 2 ta' Marzu 2010 fis-6:00 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Fabian Mizzi** | **2 ta' Marzu 2010** |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Ezekuttiv** | **Data** |